**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Stephen Borg**

**Kumpilazzjoni Numru:** 910/14

**Illum, tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Stephen Borg, detentur tal-karta tal-identita' numru 155778M akkuzat talli nhar id-9 ta' Lulju, 2014 f'xi hin bejn id-0930 hrs u n-1230 hrs gewwa Birkirkara;

1) Ikommetta serq ta' *handbag* u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni IBM831 liema serq huwa ikkwalifikat bil-Mezz u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' John Busuttil u/jew persuna/i ohra;

2) U aktar talli volontarjament hassar u/jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni IBM831 liema hsara teccedi l-ammont ta' €23.29 izda anqas minn €116.47 ghad-dannu ta' John Busuttil u/jew persuna/i ohra;

3) U aktar talli b'hekk kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. fis-07 ta' Lulju 2009 u dan taht depozitu ta' €3,000 u garanzija personali ta' €30,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

4) Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr.

Tonio Micallef Trigona LL.D. fit-28 ta' Mejju 2013 u dan taht garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

5) B'hekk kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D. fis-27 ta' Awwissu 2013 u dan taht garanzija personali ta' €5,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

6) U aktar talli b'hekk kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. G. Vella LL.D. fl-14 ta' Mejju 2014 u dan taht depozitu ta' €1,000 u garanzija personali ta' €9,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

Il-Qorti giet mitluba titratta ma' Stephen Borg bhala recidiv ta' sentenzi moghtija lilhom mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka tad-digrieti li bihom Stephen Borg inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' ;-imsemmija mputati kif ukoll tordna li s-somom bhala depoziti u garanziji personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru 2014 fejn biha nghata l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tad-difiza. Ghal xi raguni l-prosekuzzjoni ghazlet li ma taghmilx nota ta' sottomissjoni ghalkemm kellha zmien ragjonevoli sabiex taghmel dan;

<u>Ikkunsidrat</u>:

Illi mix-xhieda ta' **<u>Stephen Cachia</u>** hareg illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBM 831 hija propjeta' ta' certu John Busuttil (ID 588056 M).

Hadet konjizzjoni tar-rapport ta' PC 813 Clinton Vella (Dok CV 1) li ghalkemm ma kienx nominat minn Magistrat jew minn Qorti ghaliex inkjesta ma kienx hemm, l-irwol tieghu kien semplicement biex jeleva marki tas-swaba li nstabu fuq il-vettura inkwistjoni u dan biex sussegwentement jigu analizzati u ikkomparati minn espert imqabbad mill-Qorti. Din il-Qorti ma tara xejn hazin;

kuntrarju ghal dak li qalet id-difiza; fix-xhieda tieghu u fir-rapport li pprezenta.

Semghet ukoll ix-xhieda tal-espert nominat mill-Qorti **Joseph Mallia** li kkonferma r-rapport tieghu (Dok. JM3) u li kellu l-kompitu sabiex janalizza l-marki tas-swaba elevati minn fuq il-vettura inkwistjoni u jaghmel komparazzjoni mal-marki tas-swaba tal-imputat li gew elevati seduta stante. Illi minn dan ir-rapport hareg is-segwenti:

> *«Illi wara li gew ezaminati, studjati u kkomparati d-dokument 14 BST 301, lifter li jigbor fih impronti digitali zviluppati permezz ta' alluminium powder u elevati permezz ta' lifting tape fuq acitate sheet trasparenti, mid-dokumenti JM1 formola tal-impronti digitali u JM2 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Stephen Borg, li joqghod fil-fond numru 25, Triq Konstantinu, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 155778 (M), l-esponent jikkonkludi dan li gej:*

1. *Illi l-ewwel (1) impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 14 BST 301, hija nieqa mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni, ghalhekk ma setghux jsiru l-ezamijiet komparattivi rikjesti bejn din l-impronta u d-dokumenti JM1 formola tal-impronti digitali u JM2 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Stephen Borg, li joqghod fil-fond numru 25, Triq Konstantinu, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita numru 155778(M).*

2. ***Illi t-tieni (2) impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 14 BST 301, giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Stephen Borg, detentur tal-karta tal-identita' numru 155778(M).»*** (emfazi mizjuda mill-Qorti)

Semghet lix-xhud <u>**John Busuttil**</u> li xehed li l-vettura IBM 831 hija propjeta' tieghu izda li din taghmel uzu minnha t-tifla tieghu Nicolette Busuttil fejn jghid illi l-vettura kellha l-*quarter window*

ta' wara mkissra u skond it-tifla tieghu nsteraq biss *handbag* taghha li ma kellux valur kbir u li ma nsteraq xejn aktar.

Xehed **<u>l-Ispettur James Grech</u>** li xehed a rigward l-istqarrija (Dok. JG4 u JG5) tal-imputat li kienet inghatat b'mod volontarju u wara li nghataw id-drittijiet kollha izda dan baqa' dejjem jinnega kollox. Ipprezenta wkoll numru ohra ta' dokumenti a rigward l-akkuzi ta' ksur tal-helsien mill-arrest (Dok. JG 6 – JG 10).

Finalment xehdet l-allegat vittma **<u>Nicolette Busuttil</u>** li qalet li dakinhar tal-allegat reat kienet xoghol u l-vettura taghha IBM 831 tal-marka Hyundai kienet ipparkjata quddiem l-ufficcju taghha fi Triq il-Parrocca Santa Marija, Birkirkara fejn xi hadd infurmaha li kellha t-tieqa tan-naha tax-xellug tal-karrozza mkissra. Hija tghid li kull ma gie misruq huwa *handbag* tal-valur ta' madwar hmistax-il ewro (€15).

**<u>Ikkunsidrat</u>**:

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-

ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Emad Masoud**</u> (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma*

*jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi a rigward il-kwistjoni tal-*fingerprints* jidher li l-unika prova li l-prosekuzzjoni ghandha hija l-marka tas-swaba misjuba fuq barra tal-vettura tal-parte civile liema marka tas-swaba hija tal-imputat u li nstabet fuq in-naha ta' wara tal-vettura specifikatament minn fuq il-pum tal-bieba ta' wara tan-naha tax-xellug.

Il-Qrati kellhom okkazzjoni jiddibattu fuq il-kwistjoni ta' *circumstantial evidence* fejn gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Anthony Abela (deciza 28 ta' Mejju 1998) ***"li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuzata"***.

Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn *fingerprints* li jinstabu f'postijiet pubblici bhall-hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. Li fihom imorru hafna nies u *fingerprints* li jinstabu f'xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward:-

"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post *derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li ssuspettat, li nstabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija."*

Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak*

*li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Madankollu skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet <u>**Pulizija vs Cyrus Engerer**</u> deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014 gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

Illi f'dan il-kaz dak li hareg mill-provi hu li nstabet marka tas-seba tal-imputat tal-id ix-xellugija fuq il-parti ta' wara tal-karrozza fuq il-pum tal-bieba tax-xellug li din hija n-naha fejn giet sgassata l-hgiega. Irrizulta wkoll illi l-karrozza kienet f'post pubbliku pparkjata. Jirrizulta wkoll illi l-imputat kien jirresjedi f'Birkirkara dak iz-zmien tal-allegat reat u kwindi huwa post fejn seta' facilment ghadda ghalkemm il-prosekuzzjoni ma tax il-prossimita' ta' kemm hemm boghod fejn joqghod l-imputat ghal fejn sar l-allegat reat.

Illi dawn l-indizzji ghalkemm juru li l-imputat Stephen Borg kien mess din il-karrozza, dawn l-indizzji ma humiex bizzejjed sabiex ikun hemm il-konvinciment morali li l-imputat huwa responsabbli tas-serqa. Dan qed jinghad ghaliex fl-ewwel lok ma nstabux l-ebda mpronta digitali fl-intern tal-karrozza u fit-tieni l-imputat seta' serrah ma' dik il-karrozza meta forsi kien ghaddej minn hemm.

Il-prosekuzzjoni f'dawn it-tip ta' kazijiet u meta jinstabu marki tas-swaba fuq oggetti li jkunu f'postijiet pubblici bhal fuq karrozzi ma jistghux jistriehu biss fuq il-prova tal-marki tas-swaba ghax

tali prova ma tkunx bizzejjed sabiex twassal ghall-konvinciment morali u legali ghall-kolpevolezza tal-imputat. Il-prosekuzzjoni trid timpenja ruhha u ggib provi cirkostanzjali ohra bhal per ezempju f'dan il-kaz jingabu ritratti tal-karrozza kif kienet ipparkjata u anke wkoll forsi jekk l-imputat huwiex xellugi jew lemini. Fi ftit kliem il-prosekuzzjoni f'dawn it-tip ta' kazijiet trid timpenja ruhha ftit aktar u ggib provi ndizzjarji ohra sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputat biss seta' jikkommetti dak ir-reat. Illi sfortunatament f'dawn il-proceduri dan ma sarx u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tkun konvinta oltre' d-dubju dettat mil-ligi li l-imputat Stephen Borg ikkommetta r-reati addebitati lilu.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Stephen Borg** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati.

---------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**